# Storja tad-drittijiet tal-persuni LGBT fin-NU

Messaġġ mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem

Id-data hija l-10 ta' Diċembru 1948 u l-Assemblea Ġenerali tan-NU tadotta d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din tiddikjara li "l-bnedmin kollha jitwieldu ħielsa u ugwali fid-dinjità u d-drittijiet".

Imma naqbżu malajr malajr sal-2011, u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU jesprimi tħassib serju dwar atti ta' vjolenza u diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. Madwar id-dinja kollha, persuni leżbjani, gay, bisesswali u transġeneru, jew LGBT, għadhom ibatu d-diskriminazzjoni u atti ta' vjolenza brutali, tortura, ħtif u saħansitra qtil. F'76 pajjiż, ir-relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess huma kriminalizzati, u dan jikser id-drittijiet bażiċi.

Jeħtieġ li dawn l-abbużi jintemmu. Ir-riħ qed idur: mill-1990 'il hawn, kważi 40 pajjiż illegalizzaw ir-relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess. Ħafna aktar ipprojbixxew bil-liġi d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBT. Aktar u aktar pajjiżi llum jagħrfu l-urġenza tal-kwistjoni, u qed jagħmlu pressjoni għal azzjoni fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dawn l-aħħar 4 snin, dan wassal għall-adozzjoni tal-ewwel riżoluzzjoni tan-NU dwar din il-kwistjoni, għall-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport uffiċjali tan-NU, u għall-ewwel dibattitu formali intergovernattiv fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. Fis-26 ta' Lulju 2013, in-NU nediet "Free & Equal" (Ħielsa u Ugwali), kampanja dinjija intiża biex tqajjem kuxjenza dwar il-vjolenza u d-diskriminazzjoni omofobika u transfobika, u biex tgħin ħalli miljuni ta' persuni LGBT ma jibqgħux jiġu abbużati minħabba l-identità tagħhom.

Jeħtieġ li nipproteġu d-drittijiet tal-bniedem bażiċi tal-persuni LGBT. Imma dan ma jirrikjedix biss bidliet fil-liġijiet u l-politiki; hemm bżonn iseħħu bidliet f'qalb u f'moħħ in-nies. Bħall-ġlieda kontra r-razziżmu, bħall-ġlieda għall-ugwaljanza tal-ġeneri, il-ġlieda għall-ugwaljanza tal-persuni LGBT tintrebaħ biss jekk ningħaqdu flimkien, jekk insemmgħu leħinna, jekk inżommu sod fid-difiża tad-drittijiet tal-oħrajn. Issa huwa l-waqt li nagħmlu dan kollu. Flimkien nistgħu ntemmu l-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBT; flimkien nistgħu nibnu dinja ħielsa u ugwali.